MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 95/2010

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**Vs**

**Dario Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma jkunx ikkundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija tlieta u sittin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€4,863.14) rapprezentanti bilanc fuq ammont dovut ghal servizzi rezi lill-konvenut, flimkien ma' l-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta' din il-procedura u dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Ottubru, 2009 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2011 a fol 28 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenut, avolja jidher li gie notifikat, skond l-artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hu naqas milli jidher quddiem il-Qorti sabiex jikkontesta dak mitlub fl-avviz in esami jew milli jippresenta xi forma ta' risposta ghall-istess talbiet.

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, din ipproduciet bhala xhud lil Ramona Mamo De Giovanni, li xehdet llum stess, illi l-ammont mitlub fl-istess avviz hu dovut sallum mill-konvenut.

Inoltre l-istess xhud esebiet ukoll 'statement' kif ukoll fatturi u dokumenti relattivi ghal dak miftiehm bejn il-partijiet dwar is-servizzi li gew rezi mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut.

Illi, ghalhekk, jidher li dak mitlub mis-socjeta' attrici ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4,863.41 bl-imghax legali 'a scaletta', skond l-'statement' anness mal-atti u li ghandu jifforma parti minn din is-sentenza, u dekorribbli mit-30 ta' Novembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Ottubru 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------